**MALTA**

**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT Dr IAN FARRUGIA LL.D**

**Illum 18 ta` Lulju 2017**

**IL-PULIZIJA**
**(Spettur Keith Arnaud )**

**Vs**

**OMMISSIS**
**JOSEPH GALEA**
**KEVIN MICALLEF**

Kump Nru. 729/2009

**IL-QORTI**;

Rat li l-imputati **Ommissis, Joseph Galea** detentur tal-karta tal-identita numru 293290M u **Kevin Micallef** detentur tal-karta tal-identita numru 413989M, gew akkuzati talli b'diversi atti maghmulin ukoll jekk fi zminijiet differenti ikunu jiksru l-istess dispozizzjoni tal-ligi u jkunu gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda;

1. Talli bejn id-19 ta' Lulju 2009 u l-24 ta' Lulju 2009, minn gewwa Triq Regjonali Gzira, ikkommettejt serq ta' vettura bin-numru tar-registrazzjoni JAB554 tal-ghamla Fiat Uno, liema serq huwa aggravat bil-valur, li jeccedi l-mitejn u tnejn u tletin euro u erbgha u disghin centezmu (€232.94) izda mhux izjed minn elfejn tlett mija u disgha u ghoxrin euro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37) bil-mezz, bil-hin u bix-xorta tal-haga l-misruqa u dang had-detriment ta' Omar Chalbi u/jew persuna jew persuni ohra.

2. U aktar talli wara d-19 ta' Lulju 2009 f'dawn il-Gzejjer, volontarjament hassru, ghamlu hsara jew gharrqu hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli u cioe ghamlu hsarat fuq vettura bin-numru tar-registrazzjoni JAB554 tal-ghamla Fiat Uno, liema hsarat jammontaw ghal iktar minn elf mija u erbgha u sittin euro u disgha u sittin centezmu (€1,164.69) u dan ghad-detriment ta' Omar Chalbi u/jew persuna jew persuni ohra.

3. U aktar talli bejn il-21 ta' Lulju 2009 u l-24 ta' Lulju 2009, minn gewwa Triq il-Brunzar, Hal-Qormi bil-hsieb li taghmlu delitt urejtu dan il-hsieb b'atti esterni u tajtu bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt, meta ittantajtu tisirqu vettura bin-numru tar-registrazzjoni LAB315 tat-tip Ford Fiesta, liema tentattiv ta' serq, li kieku sar, kien ikun aggravat bil-valur li jeccedi l-mitejn u tnejn u tletin euro u erbgha u disghin centezmu (€232.94) izda mhux izjed minn elfejn tlett mija u disgha u ghoxrin euro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37) bil-mezz, bil-hin u bix-xorta tal-haga misruqa liema delitt ma sehhx minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta taghhom.

4. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, volontarjament hassru, ghamlu hsara jew gharrqu hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli u cioe ghamlu hsarat fuq vettura bin-numru tar-registrazzjoni LAB315 tal-ghamla Ford Fiesta, liema hsarat ma jeccedux il-mija u sittax-il euro u sebgha u erbghin centezmu (€116.47) izda hija aktar minn tlieta u ghoxrin euro u disgha u ghoxrin centezmu (€23.29) u dan ghal persuna jew persuni li ghadhom mhux maghrufa.

5. U aktar talli f'Lulju 2009 f'diversi inhawi madwar il-Gzejjer Maltin, sabiex tiksbu xi vantagg jew beneficcju ghalikom infuskom jew ghal haddiehor, f'xi dokument mahsub ghal xi awtorita pubblika, xjentement ghamiltu dikjarazzjoni jew stqarrija falza jew tajtu taghrif falz billi iffalsifikajtu n-numri tar-registrazzjoni ta' vetturi tal-ghamla 'Daewoo Racer' bir-registrazzjoni originali AAA434, u cioe billi wahhaltu numru tar-registrazzjoni KAL314, li hu falz u jappartjeni vettura differenti.

6. U aktar talli fl-istess perjodu, ghamiltu falsifikazzjoni jew xjentement ghamiltu uzu minn xi dokument iehor falsifikat billi ffalsifikajtu n-numru tar-registrazzjoni tal-vettura tal-marka Mazda 323 bin-numru tar-registrazzjoni originali AAA434 u cioe billi wahhaltu numru tar-registrazzjoni KAL314 li hu falz u jappartjeni vettura differenti.

7. U aktar talli f'Lulju 2009 u fil-gimghat ta' qabel din id-data, xjentement ghamiltu uzu minn att, kitba jew skrittura falza u cioe minn licenzja tal-vettura bin-numru serjali F 481689, imwahhal fuq vettura tal-ghamla Daewoo bin-numru tar-registrazzjoni AAA434.

8. U aktar talli fl-Lulju 2009 f'diversi inhawi madwar il-Gzejjer Maltin, soqtu vetturi bin-numru tar-registrazzjoni AAA434 tal-ghamla Daewoo, JAB554 tal-ghamla Fiat Uno, CAB403 tal-ghamla Hyundai Pony, DAS569 tal-ghamla Hyundai Escoupe, CAB623 tal-ghamla Lada, minghajr ma kellkom licenzja tas-sewqan mahruga mill-Awtorita dwar it-Trasport ta' Malta u b'hekk ma kontux koperti b'polza ta' assigurazzjoni b'riskji ghal-terzi persuni.

9. U aktar talli f'Lulju 2009 xjentement f'Malta laqghu ghandhom jew xtraw hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat, jew xjentement b'kull mod li jkun, indahhlu biex ibieghu jew imexxu dawn l-oggetti.

**Lil Ommissis u lil Joseph Galea wahidhom:**

10. Talli bejn is-16 ta' Lulju 2009 u d-19 ta' Lulju 2009, minn gewwa Triq H'Attard Qormi, ikkommettejtu serq ta' vettura bin-numru tar-registrazzjoni CBA623 tal-ghamla Lada, liema serq huwa aggravat bil-valur, li jeccedi l-mitejn u tnejn u tletin euro u erbgha u disghin centezmu (€232.94) izda mhux izjed minn elfejn tlett mija u disgha u ghoxrin euro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37), bil-mezz, bil-hin u bix-xorta tal-haga l-misruqa u dan ghad-detriment ta' Ronald Debono u/jew persuna jew persuni ohra.

11. U aktar talli wara s-16 ta' Lulju 2009 f'dawn il-Gzejjer, volontarjament hassru, ghamlu hsara jew gharrqu hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, u cioe ghamlu hsarat fuq vettura bin-numru tar-registrazzjoni CBA623 tal-ghamla Lada, liema hsarat jammontaw ghal aktar minn elf mija u erbgha u sittin euro u disgha u sittin centezmu (€1,164.69) u dang had-detriment ta' Ronald Debono u/jew persuna jew persuni ohra.

12. U aktar talli bejn it-13 ta' Lulju 2009 ghall-habta tas-18:30hrs u l-14 ta' Lulju 2009 ghall-habta tad-09:30hrs, minn Triq tal-Barrani Zejtun, ikkommettejtu serq ta' vettura bin-numru tar-registrazzjoni DAS569 tal-ghamla Hyundai Escoupe, liema serq huwa aggravat bil-valur, liema valur tal-haga misruqa huwa izjed minn mitejn u tnejn u tletin euro u erbgha u disghin centezmu (€232.94), izda mhux aktar minn elfejn tlett mija u disgha u ghoxrin euro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37), bil-mezz, bil-hin u bix-xorta tal-haga misruqa u dan ghad-detriment ta' Grazio Mula u/jew persuna jew persuni ohra.

13. U aktar talli wara l-14 ta' Lulju 2009, f'dawn il-Gzejjer volontarjament hassru, ghamlu hsara jew gharrqu hwejjeg haddiehor, mobbi jew immobbli u cioe ghamlu hsarat fuq vettura bin-numru tar-registrazzjoni DAS569 tal-ghamla Hyundai Escoupe, liema hsarat jammontaw ghal iktar minn elf mija u erbgha u sittin euro u disgha u sittin centezmu (€1,164.69) u dan ghad-detriment ta' Grazio Mula u/jew persuna jew persuni ohra.

**Lil Kevin Micallef wahdu:**

14. Talli f'Lulju 2009 u fix-xhur ta' wara, f'diversi lokalitajiet f'dawn il-Gzejjer, minghajr l-approvazzjoni bil-miktub tal-Kummissarju tal-pulizija b'xi mod li jkun, baghbastu nehhejtu, biddiltu jew ghamiltu numru tal-identifikazzjoni ta' chassis jew magna ta', jew fuq, vettura bil-mutur u cioe bill stampajtu VIN plate ta' vettura Daewoo jaqra WOL000039H2549687.

15. U aktar talli kiser il-provedimenti tal-artikolu 7 tal-kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta b'sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) datata is-26 t'Awwissu 2008.

16. U aktar talli huwa sar recidiv ai termini tal-artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta b'diversi sentenzi moghtija mill-Qrati ta' Malta, liema sentenzi definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

**Lil Joseph Galea wahdu**:

17. Talli huwa sar recidiv ai temini tal-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta b'diversi sentenzi moghtija mill-Qrati ta' Malta, liema sentenzi saru difinittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Rat il-kunsens ta` l-Avukat Generali tas-31 ta' Lulju 2009 (ara fol.31) sabiex din il-kawza tigi trattata bil-procedura sommarja;

Rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti esebiti;

Qieset id-depozizzjonijiet tax-xhieda mressqa f'dan il-procediment;

Qieset il-verbal tas-seduta tas-27 ta` Gunju 2017 fejn din il-kawza thalliet ghas-sentenza in difett ta` ostakolu;

Semghet sottomissjonijiet;

**Ikkunsidrat**;

Dwar l-imputat **<u>JOSEPH GALEA</u>**, l-Qorti rat fuq kollox l-ammissjoni tieghu propju fl-udjenza ta` nhar il-25 ta` Ottubru 2016 (ara folio 267), fejn huwa wkoll insista fuq tali ammissjoni wara li inghata zmien xieraq sabiex jirrikonsidra.

Illi ghalhekk, la darba l-imputat irregistra ammissjoni inkondizzjonata ghall-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu, u wara li ghamlet l-accertamenti kollha mehtiega skond il-ligi meta ssir ammissjoni tali, u wara li qieset il-provi dokumentarji mressqa, l-Qorti tiddikjara li l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu gew sodisfacentement ippruvati u ghalhekk ma ghandiex triq ohra hlief li tghaddi sabiex tiddikjarah hati taghhom.

**Ikkunsidrat;**

Dwar l-imputat **<u>KEVIN MICALLEF</u>**, l-Qorti hi tal-fehema li mill-provi jirrizulta skond il-ligi illi fix-xahar ta` Lulju 2009, kif huwa dettaljat fl-att ta` l-imputazzjoni, u gewwa dawn il-gzejjer, l-imputat Kevin Micallef kien fil-pussess ta` vettura ta` ghamla Daewoo Racer bin-numru ta` registrazzjoni AAA 434, u fuq liema vettura twahhal in-numru ta` registrazzjoni KAL 314, li kien jappartjeni lil vettura ohra. Huwa kien jaghmel uzu minn din il-vettura. Din il-vettura mbaghad huwa bieghha lil Joseph Galea u Reginald James.

Kevin Micallef u l-ko-akkuzati kienu hbieb minn meta kienu zghar. Tant kienu hbieb illi ma telefonata, huma kienu jghaddu ghalieh bil-karozza. It-tlett imputati, fiz-zmien inkriminanti, kienu bla licenzja tas-sewqan.

Fiz-zmien inkriminanti ta` Lulju 2009, meta l-imputat kien mal-ko-akkuzati fil-vettura Daewoo, u meta kienu fit-telgha ta` Regional Road, direzzjoni San Giljan, serqu vettura ta` ghamla Fiat Uno bin-numru ta` registrazzjoni JAB 554. L-imputat Kevin Micallef definittivament ghen lill-ko-akkuzati f'dak li kienu qed jaghmlu. Huwa effettivament kien kisser l-isteering lock. Huma mbaghad gibdu din il-vettura bil-vettura l-ohra d-Daewoo u ppruvaw jistartjawha meta gew ghan-nizla. Huma mbaghad indunaw li kellha l-clutch difettuz u abbandunaw il-vettura Fiat Uno taht il-pont ta Regional Road.

Irrizulta wkoll li bejn il-21 u l-24 ta` Lulju 2009, l-imputat u Joseph Galea ttentaw jisirqu vettura ta` ghamla Ford Fiesta bin-numru ta` registrazzjoni LAB 315 minn Hal Qormi. Wara li

ghamlu hsara fiha, billi inkisret il-quarter window u ppruvaw ikissru l-isteering lock, indunaw li ma kienx ser jirnexxielhom u konsegwentement telqu minn fuq il-post.

F'dawk iz-zminijiet ukoll, l-imputat kellu Daewoo ahmar li minnu zamm in-number plates u n-numru li jinsab fil-bonnet. Dawn mbaghad uzahom fuq id-Daewoo l-ahdar. Fuq dan id-Daewoo l-ahdar, l-imputat ghamel ic-chassis number u l-plates tad-Daewoo l-ahmar. Il-plates mbaghad nehhiehom meta biegh id-Daewoo l-ahdar kif gia intqal.

**Ikkunsidrat**;

Illi ma ngiebet ebda prova konkreta dwar is-sentenza tas-26 ta` Awwissu 2008 moghtija fil-konfront ta` l-imputat Kevin Micallef. Bhala konsegwenza ta` dan, it-talba kif imfassla fl-imputazzjoni indikata bin-numru (15) ma hijiex sostenibbli. In oltre, lanqas l-addebitu tar-recidiva ma jirrizulta fil-konfront ta` l-imputat imsemmi.

**Ikkunsidrat**;

In tema ta` piena jew sanzjoni, ghal dak li jirrigwarda l-imputat **JOSEPH GALEA**, din il-Qorti qed tikkonsidra :

1. l-fattur tal-ammissjoni ta` l-imputat, ghalkemm din ma tistax titqies bhala wahda bikrija.
2. In-natura serja tar-reati kommessi;
3. Il-fedina penali xejn felici ta` l-imputat;
4. B'attenzjoni partikolari, id-depozizzjoni tal-ufficjal tal-Probation Donnalise Livori moghtija fl-udjenza tal-21 ta` Marzu 2017 u r-rapport minnha esebit bhala dok DL. Dawn ghandhom piz sostanzjali f'dan l-istadju tal-kontemplazzjoni ta' x'ghandha tkun l-ahjar sanzjoni f'dan il-kaz.

   Minn evalwazzjoni dettaljata li saret minn naha tad-dipartiment tal-probation dwar l-imputat, kif ampjament riflessa fir-rapport msemmi u fid-depozizzjoni ta` l-ufficjal tal-probation, din il-Qorti tasal ghall-kokluzjoni li l-imputat ghamel progress kbir fl-imgieba tieghu matul dawn l-ahhar snin u kkopera bis-shih waqt dawn l-*assessments*. Dan juri lil din il-Qorti li l-imputat lest ghal kull ghajnuna u lest jikkopera. Aktar importanti minn hekk, dan kollu ifisser li effettivament l-imputat gab ruhu b'tali mod, naturalment f'dawn l-ahhar snin, li jindika b'mod car li huwa kandidat tajjeb sabiex jinghata ***a window of opportunity*** - (vide Appell Kriminali Nru 245/2000 VDG, 'Il-Pulizija vs George Farrugia', deciza 18/01/2001).

Illi, fid-dawl ta` dak hawn fuq espost, il-Qorti hija tal-fehma li ghandha tikkonsidra sanzjoni alternattiva ghal dik ta' prigunerija u hi tal-fehma, liema fehma hija msejsa fuq l-informazzjoni dettaljata moghtija dwar l-imputat fir-rapport gia hawn fuq imsemmi, li l-imputat ghandu jigi mqieghed taht ordni ta' *probation*, liema sanzjoni, fil-fehema ta` din il-Qorti, hija gusta u ekwa, u li tindirizza l-htigijiet ta` l-imputat (li jinghata direzzjoni u jkollu fuqu kontroll) u tas-socjeta` in generali, aktar minn dik ta' prigunerija.

Ghalhekk, sabiex l-ghan ahhari tal-Gustizzja jintlahaq f'dan il-kaz, hija l-fehema ta` din il-Qorti li ghandu jkun hemm, fil-konfront ta` l-imputat, Ordni ta' Probation fil-massimu taghha skond l-Artikolu 7 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta, bil-ghan li f'dan il-perjodu huwa jindirizza certu aspetti fil-hajja tieghu. B'hekk ikun jista' jigi zgurat li l-imputat jinghata gwida adekwata, filwaqt li jkun hemm element ta' deterrent sostanzjali.

**Ikkunsidrat**;

In tema ta` piena jew sanzjoni, ghal dak li jirrigwarda l-imputat **<u>KEVIN MICALLEF</u>**, din il-Qorti qed tikkonsidra :

1. In-natura serja tar-reati kommessi;
2. Il-fedina penali ta` l-imputat;
3. Il-fatt li matul dawn il-proceduri l-imputat ma wera ebda sens ta` rimors ghal dak li ghamel u ma wera ebda inklinazzjoni sabiex juri lil din il-Qorti illi huwa gharaf li zbalji li kien ghamel u li kien ser jaghmel hiltu biex jibdel hajtu.

Anzi, ghall-kuntrarju, l-imputat wera li huwa ma jimpurtahx mill-parametri li imponiet il-Qorti waqt il-helsien mill-arrest tieghu, wera li ma jimpurtahx mill-hela tal-hin f'dawn il-proceduri – fuq kollox wera li huwa persuna li jigi jaqa u jqum minn kollox u persuna li ma gharafx ir-responsabbiltajiet tieghu quddiem il-ligi.

**Konkluzjoni**

**GHALL-DAWN IL-MOTIVI, L-QORTI**, wara li rat l-Artikoli 17, 18, 31, 41, 49, 50, 289, 261(b)(c)(f)(g), 263, 267, 270, 271, 278, 279, 280, 184, 188, 189, 298D, 325, 334 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, l-Artikolu 15(1)(a) tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta` Malta, u l-Artikolu 3(1) tal-Kapitolu 104 tal-Ligijiet ta` Malta :

(A) **issib lil JOSEPH GALEA, fuq ammissjoni tieghu stess, hati tal-imputazzjonijiet kollha kif dedotti kontra tieghu, u** tordna li, *ai termini* ta' Arikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, l-imputat jitqieghed taht Ordni ta' Probation ghal tliet (3) snin millum, bil-kundizzjonijiet li jidhrilhom li ghandhom jimponu, minn zmien ghal zmien, l-ufficcju tal-probation.

*Ai termini* ta' l-Artikolu 7(7) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta l-Qorti fissret lill-imputat Joseph Galea bi kliem car u li jinftiehem, l-effetti ta' l-ordni ta' *probation* u l-kondizzjonijiet l-ohra applikabbli skond il-ligi u li f'kaz li jonqos milli jikkonforma ruhu ma' dik l-ordni u dawk il-kondizzjonijiet u/jew f'kaz li jaghmel reat iehor tul it-terminu ta' l-ordni ta' *probation,* jista' jinghata sentenza ghar-reati li taghhom nstab hati b'din is-sentenza.

*Ai termini* ta' l-Artikolu 7(8) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti tordna li kopja ta' din is-sentenza u ta' l-ordni ta' *probation* ghandhom jigu trasmessi minnufih lid-Direttur tas-Servizzi ta' Probation sabiex jassenja ufficjal tal-*probation* biex ikun responsabbli ghas-sorveljanza ta' l-imputat Joseph Galea.

**(B) issib lil KEVIN MICALLEF** mhux hati ta` l-imputazzjonijiet indikati bin-numru (15) u (16) u minnhom tilliberah skond il-ligi; izda qed issibu hati ta` l-imputazzjonijiet l-ohra kollha kif dedotti kontra tieghu u cioe' dawk indikati bin-numri (1), (2), (3), (4), (5), (6), (7), (8), (9) u (14) u tikkundannah komplessivament ghall-piena ta` prigunerija ghall-perjodu ta` tmintax-il xahar (18) u multa ta` elfejn u erba mitt euro (€2400).

Tordna wkoll is-sospensjoni tal-licenzji tieghu kollha tas-sewqan ghal-zmien sena minn dakinhar li din is-sentenza tghaddi in gudikat.

Dr Ian Farrugia LLD
Magistrat

Marica Mifsud
Deputat Registratur